**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta 17 ta' Lulju 2020**

**Rikors numru:- 30/2019 (BS)**

**MB**

**-vs-**

**PPM**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' MB fejn ikkonfermat bil-gurament:

1. Illi l-partijiet izzewgu fir-Rabat, Ghawdex fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997), liema zwieg jinsab registrat fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex, bin-numru progressiv mija u tlieta u erbghin zbarra elf disa' mija sebgha u disghin (143/1997);

2. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet gie maghmul nhar it-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), fl-atti tan-Nutar Dottor Kristen Dimech, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument 'A';

3. Illi l-partijiet, madanakollu, ilhom jghixu separatament minn xulxin sa minn Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015), u dan kif jemergi mid-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisidzzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, datat is-6 ta' Lulju, 2015, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B', u ghaldaqstant ilhom separati *de facto* ghal iktar minn erba' snin.

4. Illi ma jeziti l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi llum il-gurnata ghandhom hajja totalment distinta minn ta' xulxin;

5. Illi di piu', il-partijiet m'ghandhom l-ebda pretensjonijiet fil-konfront ta' xulxin.

Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(i) Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tiddikjara bhala mahlul iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997); u

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ingunzjoni tal-intimat minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' l-intimat li biha jiddikjara li mhux jopponi t-talba.

Semghet lill-partijiet li kkonfermaw li lhom mifrudin ghal aktar minn erba' snin u li m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew kollha sodisfatti. Infatti rrizulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2016 w ilhom sa mis-06 ta' Lulju, 2015 *de facto* isseparati minn xulxin. Irrizulta b'mod car minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli li jirrikonciljaw.

Rat illi fir-risposta tieghu l-intimat mhux qed jopponi t-talba izda jopponi ghall-ispejjez ta' l-istess.

Rat ukoll li l-konvenut xehed illi ma hemmx pendenzi bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni.

**Decide.**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenta u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrenta.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur